MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2013

Numru. 634/2013

**PULIZIJA
SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**AHMED TAREK MIGREF**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ahmed Tarek Migref, detentur tal-Karta tal-Identita` jew passaport mhux maghruf u bla indirizz fiss.

**Akkuzat talli:**

Fil-Furjana, nhar il-5 ta` Lulju, 2013, ghall-habta tal-erbgha nieqes kwart ta` wara nofs inhar (15:45hrs),

ikkommetta serq ta` *camera* tar-ritratti b'valur totali ta` hames mija u wiehed u tmenin ewro (€581), serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta` mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li sehh ghad-dannu ta` John Berton;

U aktar talli nhar il-5 ta` Lulju, 2013, u fil-jiem ta` qabel din id-data f'xi post pubbliku immolesta n-nies biex jitlob il-karita`.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;
Wara li rat il-provi prodotta u x-xhieda mressqa;

Wara li rat l-artikoli 261, 267, 338 (x) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat l-ammisjoni bikrija tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni din il-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u tikkundannah prigunerija ghall-perjodu ta` tlett (3) xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights & Democ.), LL.D.,**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------